# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza ta' nhar id-9 ta' Frar 2023**

**Talba nru. 46/2019**

**CATHERINE CORTIS**
**(ID 1080648 M)**

***VERSUS***

**WADDLE FORMOSA**
**(ID475797M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi permezz ta' Avvizipprezentat fis-6 ta' Marzu 2019 l-attrici talbet lill-konvenut il-hlas ta' l-ammont ta' tlett elef u sitt mitt Ewro (Eur 3,600.00) rapprezentanti bilanc parti minn somma akbar bhala self brevi manu li l-attrici ghamlet lill-konvenut. Bl-spejjez u bl-imghax legali mill-prezentata ta' dan l-avviz u spejjez ta' l-ittra ufficjali numru 2228/18.

Ra illi l-konvenut gie debitament notifikat fit-28 ta' Lulju 2019 – a fol.6 u li fil-11 t'April 2019 ipprezenta risposta fejn fiha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont reklamat assolutament mhux dovut.

Sema x-xhieda u ra d-dokumenti ipprezentati.

Ra illi fl-udjenza ta' l-4 ta' Marzu 2020, l-attrici ddikjarat li ezawrixxiet il-provi taghha.

Ra illi fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2021 l-konvenut iddikjara provi maghluqa.

Ra l-atti processwali kollha;

Sema t-trattazzjoni tal-partijiet tas-7 ta' Frar 2022.

Qabel jaghmel il-konsiderazzjonijiet tieghu, sejjer jaghmel sintezi tal-provi migbura.

<u>Provi</u>

Fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2019 xehdet l-attrici li qalet li l-konvenut jigu neputi taghha, tifel tat-tifla. Il-konvenut kien talabha ssellfu erbat elef Ewro. L-attrici tghid illi hija ghaddiet l-ammont ta' erbat elef f kontanti f'Awissu 2018. (Fol.16) Ix-xhud tghid,

"*Issa jien ghidtlu ghedtlu tittradiniex, ghedtlu ghax jiena nghix b'tar-relief. Waqqaftu u ghedtlu isma Waddle, ghedtlu taf li tajtek erbat elef. Qalli inti qed tiggennen nanna? Ghedtlu veru qed niggennen. Ghedtlu taf li xtrajt il-karozza inti, ghedtlu u gejt biex intik il-flus. Qalli le. Baqa' jghidli li le. U ma kulhadd xandartu li tajtu erbat elef."*

L-attrici tghid illi minn dan l-ammont il-konvenut kien irrifonda lura erbgha mitt Ewro – *"kien tani erbgha mija, ghandi miktubin*." Ix-xhud tghid li l-kitba li kien hallas erbgha mija hija ta' l-istess konvenut ghaliex l-attrici ma tafx tikteb. Fuq il-ktieb, (liema kopja hija esebita a fol.37) illi kienu tnizzlu l-flus, kien hemm miktub, "*fuq net hemm l-isem ta' Waddle, tahtha hemm ic-cifra ta' erbat elef ewro u sussegwentament hemm mitt ewro, mitt ewro, mitt ewro u mitt ewro*." Minbarra dawn l-erbgha mitt Ewro, l-konvenut qatt ma rega kompla jhallas l-ammonti dovuti. Fl-istess xhieda l-attrici tghid (a Fol. 17). *"jien ghidtlu ser naghtik dawn l-erbat elef, ghedtlu tittradiniex. Ghedtlu jekk ittini mija fix-xahar all right, naccetta. Ghedtlu mbasta ma tittradiniex*." L-attrici tghid meta mistoqsija min kien prezenti meta ghaddew il-flus, "*Kien jigi missieru biex jghoddom il-flus*."

Fl-istess udjenza xehedet ukoll Doreen Formosa li tigi omm il-konvenut u bint l-attrici. Ix-xhud tghid illi kien mar binha fuqha u cioe l-konvenut u qallha,

*". . . tghidilha lin-nanna tislifni erbat elef ghal karozza? Ghax gab il-licenzja. U jien ghidtlu nistaquha. Cempiltilha u ghedtilha ma, ghedtilha Waddle qed jghidli ghedtilha ghal flus, ghedtilha tisilfu naqra ghal karozza? Jien. Qaltli u kemm? Ghedtilha jrid xi erbat elef biex ihallas il-licenzja u l-insurance tigi kompluta. U qaltli issa kif tinzlu ghandi nitkellmu ghax din kuljum ninzel ghandha jiena. Inzilna ghandha u accettat li tislifihomlu. Qaltlu basta ma tittradiniex minnhom. Ma basrithiex hu minnu din. Imbaghad kif issperajt minn ma missieru jiena kien diga lahaq taha erba mija minnhom; kien jaghtiha mija fix-xahar. Kif isseparajt minn ma missieru ddecieda li ma jridx jaghtiha iktar*."

Ix-xhud tghid li kienet prezenti (Fol.19) meta l-attrici ghaddiet il-flus lill-konvenut u li dan sar fix-xahar ta' Marzu 2018 u fl-istess xahar inxrtat il-karozza.

Xehed ukoll Antoine Formosa li jigi t-tifel ta' l-attrici u z-ziju tal-konvenut. Ix-xhud jikkonferma illi l-attrici kienet talbitu jigbdilha erbat elef Ewro mill-bank sabiex issellifom lin-neputi Waddle Formosa sabiex jixtri karozza. Ikkonferma li kien prezenti meta ghaddew il-flus minghand l-attrici ghal ghand il-konvenut u li dan is-self sar f 'Marzu 2018.

Fl-udjenza ta' l-24 t'Ottubru 2019 xehedet rapprezentanta ta HSBC Bank Malta li ipprezentat serje ta' dokumenti bankarji.

Xehed il-konvenut fejn qal illi huwa xtara l-karozza minn flus tal-pagi tieghu. (Fol.32). Mistoqsi fuq self ta' erbat elef Ewro, l-konvenut jghid illi l-attrici tatu biss erbgha mitt Ewro (Eur 400). Il-konvenut jghid hekk;

"*Kelli f'mohhi karozza ohra, u l-ammont ma kelliex ezatt jiena. Il-karozza xtrajtha tliet elef u sitt mija jiena u kien jonqosni ghall-licenzja u insurance. U mort fuqha jiena u tlabtomlha l-erbgha mija. Hi qabdet u tathomli. Jiena sa dak iz-zmien u l-istorja hallastha, tajthomlha dawn l-erbgha mija u mbaghad kelli problemi bil-genituri, infirdu, qed jissperaw, u bi hdura kollha gew fuqi u qed jghiduli li rrid intihom erbat elef. JIen ma nafx x inhuma jivvintaw ghax jien ma sselliftx erbat elef min ghandha. Jien tatni erbgha mija u tajthomlha.*" Il-konvenut jghid li l-karozza xtraha minghand Ventur f'kontanti.

Fl-udjenza ta' l-4 ta' Marzu 2020, xehdet rapprezentanta tal-Bank of Valletta u l-attrici ddikjarat li ezawrixxiet il-provi taghha.

L-attrici u x-xhud Doreen Formosa gew imsejjha ghal kontro ezami fl-udjenza tal-11 ta' Dicembru 2020. L-attrici tghid illi binha Antoine kellu prokura sabiex ikun jista jigbed l-flus ghan-nom taghha. L-attrici tikkonferma li fil-festa ta' Santa Liena kien waqaf ihallasha lura l-flus.

Fl-udjenza tal-11 ta' Gunju 2021 xehed il-konvenut u missieru John Formosa. Missier il-konvenut jghid illi, "*It-tifel dejjem dejjem hadem ghax l-iskola qatt ma riedha. Ta' 16-il sena minn dejjem beda jahdem sal-gurnata imqaddsa ta' lum. Xtaq jixtri karozza. It-tifel dejjem ifaddal xi haga d-dar mill-paga u dejjem kellu dik ix-xi haga taht rasu sa gie li anke ghentu jien ukoll min-naqra li stajt. Xtaq imur jixtri din il-karozza u morna rajna din il-karozza ghand id-dealer imsomma*." Ix-xhud ikompli jghid illi, *" . . . bdejna nitkellmu hemmhekk u kif konna qeghdin hemmhekk spontanji t-tifel qalli pa', qalli kif ser naghmel minhabba l-licenzja u minhabba l-insurance? Tkellimna ma' Catherine u t-tifel talabha erbgha mija. Qaltlu erbgha mija nista intihomlok. Ghandi minn fejn*. Biex dan ihallas il-licenzja u l-insurance."

Ix-xhud jghid illi il-karozza li xtara ibnu u cioe l-konvenut kienet tiswa xi tlett elef u sitt mitt Ewro u l-erbgha mija minghand l-attrici kellu bzonnom sabiex ihallas il-licenzja u l-assikurazzjoni. Mistoqsi min kien prezenti meta inghataw dawn il-flus, ix-xhud jghid illi, "*Kont prezenti. Konna jiena, it-tifel Waddle u n-nanna, Catherine imsomma*." (Fol.72) Din ix-xhieda taqbel ma dak li qalet l-attrici a fol.18 meta qalet li missier il-konvenut u cioe John Formosa kien prezenti meta inghaddew il-flus.

Il-konvenut in ezami, a fol.77 jghid illi meta l-attrici taghtu l-flus kien hemm prezenti, "*Jiena, John Formosa li jigi missieri u Catherine Cortis*."

Fl-udjenza tas-26 t'Ottubru 2021, sar kontro ezami ta' Antoine Cortis u fl-istess seduta l-konvenut iddikjara provi maghluqa. Ix-xhud jghid illi huwa kien ta' spiss jinghata l-card u kien jaf il-pin number u ghaldaqstant kien jigbed il-flus lil ommu u jaghtiha l-ircevuti tal-bank ta' l-ammont ta' flus li jkun gibed. Ix-xhud jispecifika illi dakinhar li ghaddew il-flus, huwa kien fil-kcina ma ohtu u ghaddew erbat elef Ewro fil-prezenza tal-konvenut. Sussegwentament ohtu u cioe omm il-konvenut telqet u sakemm

baqa prezenti lil John Formosa, missier il-konvenut ma rahx. Din ix-xhieda tikkontrasta ferm ma dak li qalu il-konvenut u missieru u cioe li kienu prezenti meta l-attrici ghaddiet il-flus. Wara kollox anke l-istes attrici ikkonfermat li l-persuni prezenti meta hija ghaddiet il-flus kienu l-konvenut, missieru u hi stess.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza l-punt krucjali kollu huwa l-ammont ta' self li sar mill-attrici a favur il-konvenut. Ma hemmx kontestazzjoni illi dak li inghadda kellu jigi ritornat lura ghaliex kien self. Izda kollox idur ma' l-ammont li ghadda minghand l-attrici a favur il-konvenut fejn min-naha attrici tghid li hija sellfet erbat elef Ewro li minnhom thallsu erbgha mija u l-konvenut jghid illi issellef erbgha mitt Ewro u dawn raddom kollha lura.

Illi x-xhieda prodotta mill-attrici, jaqblu illi ingibdu flus ghan-nom ta' l-attrici sabiex dawn jigu mislufa lill-konvenut. Jinghad mix-xhieda prodotta mill-attrici, illi b'kollox kienu ingibdu erbat elef Ewro permezz ta' ATM fuq diversi drabi sakemm intlahaq l-ammont kollu ta' erbat elef.

Illi filwaqt li Antoine u Doreen Cortis jghidu illi huma kienu gibdu dan l-ammont a favur ta' ommom, dan it-Tribunal ma ra l-ebda dokument li juri dawn it-transazzjonijiet. Id-dokumenti pprezentati mill-ufficjal tal-bank juru diversi ammonti zghar ta' flus li ingibdu mill-ATM izda wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni li ingibdu erbat elef Ewro f'dak il-perjodu li allegatament kienu inghataw b'self lill-konvenut. Di piu zgur li ma jidhrux l-ammonti li intqal li ingibdu minn Doreen Formosa. Illi anke il-librett li gie ipprezentat ma jitfax dawl fuq l-ammont li gie misluf ghaliex dan la ghandu dati, firem jew xi skrittura ohra ghajr ammonti mhazzin. Illi di piu, filwaqt li l-attrici tghid illi uliedha kienu jigbdu ammonti ta' elfejn Ewro kull darba, (Fol.18) bintha Doreen Formosa tghid illi l-flus kienu jingibdu minnha u huha f ammonti ta' sitt mija kull jum. (Fol.20).

Minkejja li din il-kawza hija dwar self allegatament ta' somma ta' eluf, ma jezisti l-ebda dokument bejn il-partijiet ta' x gie misluf, lanqas prova ta' f'liema ammonti ingibdu l-flus kontanti. Ix-xhud Antoine Cortis jghid illi flimkien ma' ohtu kienu ghaddew il-flus li kienu jammontaw ghal erbat elef Ewro li wara inghataw lill-attrici sabiex tghaddihom lill-konvenut. Min-naha l-ohra John Formosa, missier il-konvenut jghid illi kien prezenti meta l-attrici ghaddiet il-flus u kien ghaddom hu stess u dawn kienu jammontaw ghal erbgha mitt Ewro.

Illi sabiex verament jitqanqal iktar dubju f'din il-kwistjoni Antoine Cortis jghid li kien prezenti pero kien qed jaghmel xi xoghol fid-dar t'ommu. Fl-istess waqt jghid li John Formosa ma kienx prezenti. Il-konvenut u John Formosa jaffermaw li huma t-tnejn kienu prezenti ma' l-attrici meta din ghaddietlu l-flus u li Antoine Cortis ma kienx prezenti. Ix-xhud Antoine Cortis jaghti verzjonijiet differenti fix-xhieda tieghu. Filwaqt li matul l-ezami tieghu jghid (a Fol.21) li "*I mean kienu f' idejn ohti, issa mbaghad x ghamlu bejnietom . . ovvjament hi tathom lilu nimmagina*." waqt il-kontro ezami jghid illi ohtu ma kienetx prezenti meta inghataw il-flus.

Illi t-Tribunal irid jistrieh fuq ix-xhieda prodotta quddiemu u f'kaz fejn, frekwentament, il-verzjonijiet ikunu kontrastanti, l-gudikant ghandu jistrieh fuq il-kreddibilta tax-xhieda u tal-provi mressqa. Illi dan it-Tribunal kif presedut ma kellux l-opportunita li jara l-komportament tax-xhieda waqt li dawn kienu

fuq il-pedana tax-xhieda. Izda minn qari tax-xhieda jidher car illi jezistu inkonsistenzi bejn ix-xhieda ta' l-attrici.

Illi r-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi fuq il-parti attrici li tkun qed tallega fatt, l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza ta' dak li tkun qed tallega. Illi ssir referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet, "Joseph Tonna vs Philip Azzopardi" deciza fit-12 t'April 2007 fejn gie deciz:-

*"Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontentendi, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio) sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta. Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probate, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex very ghax mhux ippruvat. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu., Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza."*

Illi dikjarat dan kollu, it-Tribunal huwa tal-fehma illi kien hemm traskuragni kbira fil-mod ta' kif sar dan is-self u ghaldaqstant din it-traskuragni ma tistax twassal lit-Tribunal li jkun konvint illi l-attrici ghaddiet l-ammont ta' erbat elef Ewro bhala self. Kien jinkombi fuq l-attrici sabiex meta tislef tali ammont dan isir b'mod dokumentat jew diligenti. Illi huwa minnu wkoll illi t-tempistika tat-talba attrici saret meta bintha u cioe omm il-konvenut bdiet proceduri ta' separazzjoni minn mar-ragel taghha ossia missier il-konvenut u dan ta' l-ahhar beda jitbieghed minn mal-familja ta' l-attrici.

Illi maghmula dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal ma jqisx illi t-talbiet attrici gew pruvati.

**Decide**

Ghaldaqstant, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa l-eccezzjoni tal-konvenut u jichad it-talba attrici bl-ispejjez ta' dan il-procediment ikunu kollha a karigu ta' l-attrici.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur